**206. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin f'isem il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi jipproponi :-**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, f'isem il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, ippropona illi:-

Peress li wara li saru n-negozjati bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ġie ffirmat Trattat ta' Adeżjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

Peress illi dan it-Trattat jinħtieġ li jiġi ratifikat mill-partijiet kollha sabiex jiġi fis-seħħ;

Peress illi bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap 460), il-Prim Ministru jista' jagħmel Ordni sabiex trattat speċifikat fl-ordni jitqies bħala ħaġa waħda mat-Trattat ta' Adeżjoni ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea;

Peress illi l-istess subartikolu jipprovdi li l-ebda Ordni bħal din ma tista' ssir qabel ma abbozz ta' l-istess ikun approvat b'riżoluzzjoni tal-Kamra;

Peress li l-Prim Ministru beħsiebu joħroġ ordni kif fuq imsemmi li abbozz tiegħu qiegħed jiġi anness ma' din ir-riżoluzzjoni;

U peress illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li tali riżoluzzjoni għandha tiġi l-ewwel sottomessa għall-eżami mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin (jew dak il-Kumitat Permanenti li min żmien għall-ieħor jissostitwixxi l-istess Kumitat);

Peress illi l-istess subartikolu jipprovdi wkoll illi l-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin għandu jiltaqa' fi żmien ħmistax-il jum minn meta tkun ġiet intavolata l-mozzjoni f'liema terminu għandu jsir rapport lill-istess Kamra dwar il-mozzjoni u d-diskussjoni dwarha f'dak il-Kumitat mill-President tiegħu, u l-Kamra għandha mal-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport tipprovdi minnufih biex tivvota fuq il-mozzjoni mingħajr diskussjoni;

Peress illi fil-25 ta' Ottubru 2005 il-Prim Ministru ta avviż ta' din il-mozzjoni li ġiet sottomessa għall-eżami u ġiet eżaminata u dwarha sar rapport mill-President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Barranin kif fuq indikat;

Għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza l-ħruġ ta' l-Ordni mill-Prim Ministru li l-abbozz tagħha jinsab anness ma' din ir-riżoluzzjoni.

**25.10.05**

**EUROPEAN UNION** ACT
**(CAP 460)**

**Accession Treaty of the Republic of Bulgaria and Romania to the European Union, Order 2004**

IN EXERCISE of the powers conferred by sub-article (2) of Article 2 of the European Union Act, the Prime Minister has made the following Order:-

Citation

1. The title of this Order is the Accession Treaty of the Republic of Bulgaria and Romania to the European Union Order, 2004.

Interpretation

2. In this Order, unless the context otherwise requires:

"the Act" means the European Union Act, 2003;

"the Specified Treaty means "the Treaty between the Kingdom of Belgium, the Czech Republic, The Kingdom of Denmark, The Federal Republic of Germany, The Republic of Estonia, The Hellenic Republic, The Kingdom of Spain, The French Republic, Ireland, The Italian Republic, The Republic of Cyprus, The Republic of Latvia, The Republic of Lithuania, The Grand Duchy of Luxembourg, The Republic of Hungary, The Republic of Malta, The Kingdom of the Netherlands, The Republic of Austria, The Republic of Poland, The Portuguese Republic, The Republic of Slovenia, The Slovak Republic, The Republic of Finland, The Kingdom of Sweden and The United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland (Member States of the European Union) and the Republic of Bulgaria and Romania, concerning the accession of the Republic of Bulgaria and Romania to the European Union signed in Luxembourg on the 25th day of April, 2005.

'The Treaty' has the same meaning as is given in the Act.

Specified Treaty to be regarded as one with the Treaty.

3. For the purposes of sub-article (2) of Article 2 of the Act it is hereby declared that the Specified Treaty shall be regarded as one with the Treaty.